**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Distrett Rahal Gdid**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Gabriel Kitcher)**

**vs**

**Keith Azzopardi**

**Illum, 12 ta' Mejju 2025**

Il-Qorti rat li tressaq Keith Azzopardi iben Emanuel u Sonia nee` Vella imwieled il-Pieta` nhar il-31.12.1992, ID 46793M, Residenti 3, Triq San Mikiel, Sqaq Nru 1, Bormla or c/o CCF

Akkuzat talli nhar bejn is-26 ta' Marzu 2025 u s-27 ta' Marzu 2025, bejn is-14:00hrs u l-15:45 gewwa CSA il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fi triq il-Belt Valletta Paola :

Insulentajt, heddidt, jew ingurjajt bi kliem jew b' mod iehor lil Joshua Killingback bi ksur tal-Art 339 (1) (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Hebbejt ghal Jishua Killingback u kkagunajtlu offiza ta' natura hafifa hekk kif iccertifika Dr Christopher Cremona Med Reg 3961 minn CSA bi ksur tal-Art 22 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat illi l-prosekuzzjoni u d-difiza ghalqu l-provi taghhom.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna incident li gara gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin bejn l-imputat u persuna detenuta fl-istess cella.

**Ikkunsidrat**

Wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni rnexxililha tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward it-tieni l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat u ghaldaqstant sejra tghaddi sabiex isibu hati filwaqt li tqis li l-ewwel imputazzjoni mhux pruvat u sejra tghaddi sabiex tiliberah minnha. Il-Qorti qiset ukoll ghall-piena li dan ir-reat sar gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin u ghaldaqstant japplika l-artikolu 33A tal-Kodici Kriminali.

**Decide**

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 33A, 221(1), 383 u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lil Keith Azzopardi **mhux ħati** ta' l-ewwel imputazzjoni u tilliberah minn kull ħtija u piena dwarha u **ħati** tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrih u tikkundannah ħames (5) xhur priġunerija.

**Mogħtija llum, 12 ta' Mejju 2025 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Maġistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Reġistratur**